**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru 1047/2021 NC**

**Managing Consulting Service Industry (MCSI) Limited (C 16749)**

**vs.**

**Cavendish Hotels Ltd (C 8372)**

Illum 14 ta' Diċembru 2021

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi r-rikorrenti Managing Consulting Service Industry ('MCSI') kienet tippresta servizzi ta' tindif a favur l-intimata Cavendish Hotels Ltd ('Cavendish') għal numru ta' snin.*
>
> *2. Illi r-rikorrenti MCSI kienet toħroġ fatturi f'isem l-intimata Cavendish biex tkopri l-fornitura ta' servizzi partikolari.*

*3. Illi l-fatturi mertu ta' dawn il-proċeduri ġudizzjarji, kif ukoll rendikont li jirrifletti l-istess fatturi b'mod globali, kienu diġa' ġew annessi ma' ittra uffiċjali li ġġib numru 4329/21 (l-'Ittra Uffiċjali') u immarkati bħala 'Dokument MCSI1' sa 'Dokument MCSI42'. L-Ittra Uffiċjali nfisha qed tiġi hawnhekk annessa bħala 'Dokument MCSI43'.*

*4. Illi hekk kif spjegat fl-istess Ittra Uffiċjali, ir-rikorrenti MCSI hija dovuta l-ammont totali ta' mija wieħed u tletin elf, tlett mija sebgħa u tmenin Ewro u tliet ċenteżmi (EUR 131,387.03) (l-'Ammont Dovut') in rappreżentanza ta' servizzi forniti lis-soċjeta' intimata minn Novembru 2019 sal-lum-il ġurnata.*

*5. Illi l-fatturi surreferiti jammontaw għal total ta' EUR 174,857.90; pero' wara li jittieħdu in kunsiderazzjoni:*

*a. il-credit note maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti fid-9 ta' Marzu 2020 (annessa u immarkata mal-Ittra Uffiċjali bħala 'Dokument MCSI42') fl-ammont ta' EUR 12,401.45;*

*b. il-ħlas mis-soċjeta' intimata ta' EUR 29,333.32 fis-17 ta' Jannar 2020 (hekk kif indikat fir-rendikont anness mal-Ittra Uffiċjali u immarkat bħala 'Dokument MCSI1'); u*

*c. il-ħlas parzjali fuq il-fattura bin-numru ta' riferenza 12883 fl-ammont ta' EUR 1,736.10 hekk kif rifless f''Dokument MCSI41',*

*l-Ammont Dovut finali huwa ta' mija wieħed u tletin elf, tlett mija sebgħa u tmenin Ewro u tliet ċenteżmi (EUR 131,387.03).*

*6. Illi l-Ammont Dovut ġie espressament rikonoxxut mis-soċjeta' intimata f'korrispondenza elettronika skambjata mas-soċjeta' rikorrenti f'April 2020 u li kien ukoll intlaħaq ftehim bejn il-partijiet fuq skeda tal-pagamenti tal-Ammont Dovut li f'dak iż-żmien kien jifforma parti minn somma akbar (il-korrispondenza hija annessa u immarkata bħala 'Dokument MCSI44').*

*7. Illi in oltre, is-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-Ammont Dovut, inkluż permezz ta' korrispondenza elettronika datata 25 ta' Jannar 2021 (annessa u immarkata bħala 'Dokument MCSI45'). Pero', it-tweġiba tagħha kienet dejjem li ma kenitx f'pożizzjoni li tonora l-obbligi tagħha u li kienu ser jinfurmaw lis-soċjeta' rikorrenti ladarba jsir il-ħlas tal-Ammont Dovut.*

*8. Illi minkejja t-trapass ta' disa' xhur minn dan l-iskambju, hija baqgħet inadempjenti u ma sar l-ebda sforz biex titħallas is-somma in kwistjoni.*

*9. Illi s-soċjeta' rikorrenti fuq ġurament tiddikjara inekwokivament li s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda raġuni valida skont il-liġi biex tikkontesta l-Ammont Dovut ai termini r-rendikont u l-fatturi preżentati, liema ammonti huma ċerti, likwidi, u dovuti, minkejja li s-soċjeta' intimata ma onoratx l-obbligi ta' ħlas għas-servizzi provduti lilha mis-soċjeta' rikorrenti.*

*10. Illi safejn taf is-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni li tista' tressaq kontra t-talba tagħha, u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din il-Qorti tilqa' din it-talba mingħajr ma jkun hemm proċediment għas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmijin, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, ordni jew digriet li jidrilha xieraq, biex:*

*a. tipproċedi biex tilqa' t-talba tagħha f'proċediment sommarju speċjali u mingħajr ma jkun hemm is-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*b. tiddikjara li s-soċjeta' intimata naqqset milli tħallas lura l-ammonti dovuti ai termini r-rendikont datat 4 t'Ottubru 2021 u l-fatturi hawn preżentati;*

*c. tordna li s-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-bilanċ ta' mija wieħed u tletin elf, tlett mija sebgħa u tmenin Ewro u tliet ċenteżmi (EUR 131,387.03) jew kull somma verjuri, flimkien mal-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tal-4 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tallum u li s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher llum u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tallum fejn ġie verbalizzat is-segwenti:

*"Il-Qorti semgħet sottomissjonijiet da parti tal-Konsulenti Legali tal-partijiet, kemm fir-rigward tal-fatt illi għas-seduta tal-lum ma deher l-ebda rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta pero' deher biss l-Avukat Carl Grech bhala Avukat Difensur tal-istess socjeta' konvenuta u kif ukoll fir-rigward ta' jekk is-socjeta' konvenuta għandhix eċċezzjonjiet x'tagħti f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li ma nġabet l-ebda raġuni la valida u lanqas mhux valida 'l għaliex ma deher ħadd għas-seduta tal-lum bħala rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, tirrileva wkoll illi minn dak sottomess mill-Avukat Carl Grech ma jirriżultax li s-soċjeta' konvenuta għandha eċċezzjonijiet x'taghti fir-rigward tat-talba tas-socjeta' attriċi".*

Rat l-affidavit ta' Paul Degiorgio (direttur tas-soċjeta' attriċi) (*a fol.* 60 *et seq*.) u semgħet id-depożizzjoni tiegħu fis-seduta tallum.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fl-10 ta' Diċembru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Ludovico Ausano Filotto kif debitament irrappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Antoine Cremona vs. Hi Sky Ltd (C 79660)** (Rikors Ġuramentat Numru 1078/20) fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi permezz tal-ewwel talba tiegħu, l-attur talab lil din il-Qorti tipproċedi sommarjament bil-proċedura speċjali ex-Art. 167 et. seq. tal-Kap 12. Proċedura li ġiet introdotta fil-kodiċi ritwali tagħna bl-emendi estensivi li saru permezz tal-Ordinanza XV tal-1913. Din il-proċedura speċjali ġiet ikkupjata minn Order 14 tas-Supreme Courts of England kif kienet dak iż-żmien. Is-suċċessur ta' din l-Order hija CPR 24.2.[1]
>
> Huwa minnu li l-proċedura in kwistjoni trid tiġi nterpretata b'mod strett għaliex hija waħda speċjali u eċċezzjonali fil-limitazzjonijiet kbar li tpoġġi għad-dritt ta' difiża tal-parti konvenuta. B'danakollu trid tiġi segwita xorta waħda; u waħda mir-rekwiżiti hi l-preżenza fiżika tal-parti konvenuti fil-jum tas-smiegħ. Meta l-konvenuta tkun korp morali, bħal ma hi l-konvenuta bħala soċjeta' kummerċjali, id-dehra personali ssir permezz ta' rappreżentant jew rappreżentanti legali tagħha. F'dan il-każ il-konvenuta hija rreġistata f'Malta u r-rappreżentanza legali u ġudizzjali hija vestita f'kull wieħed mid-Diretturi tagħha jew persuna appuntata għal dan l-iskop mid-Diretturi. Fil-fatt il-konvenuta għandha direttur uniku li huwa wkoll soċjeta' kummerċjali rreġistrata f'Malta. Milli jidher mill-verbal tal-udjenza tallum, din għandha fost l-oħrajn direttur residenti Malta, u l-avukat patroċinatur ma setax jispjega l-għala dan m'attendiex għas-seduta.

[1] CPR 24.2 taqra hekk: *"The court may give summary judgment against a claimant or defendant on the whole of a claim or on a particular issue if (a) it considers that (i) the claimant has no real prospect of succeeding on the claim or issue; or (ii) that the defendant has no real prospect of successfully defending the claim or issue and (b) there is no other reason which the case or issue should be disposed of at a trial."*.

F'dan it-tip ta' proċediment, il-preżenza fiżika hija meħtieġa espressament mil-liġi. Skont Art. 167(2), ir-rikors ġuramentat għandu jkun fih "l-ordni **<u>lill-konvenut biex jidher</u>** quddiem il-Qorti fil-jum u ħin li jiġu mogħtija". U skont l-Art. 170, **<u>il-konvenut irid "jidher"</u>**[2] biex iressaq prova, bil-ġurament tiegħu jew xort'oħra, li għandu eċċezzjonijiet x'jagħti *prima facie*. Il-Qorti hija konxja minn sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li qalet hekk:

> "Illi l-artikolu 170 jibda bil-kliem 'jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi, jew, jekk jidher…' Minn din il-lokuzzjoni jidher diġa' li m'huwiex neċessarju li l-konvenut jidher personalment jew inkella jitqies bħala kontumaċi. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma meta taqra l-istess artikolu mal-artikolu 201 tal-imsemmi Kodiċi li, b'riferenza għall-proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri, il-konvenut ikun kontumaċi kemm-il darba 'il-konvenut jew l-avukat tiegħu' jonqos li jidher. Dan huwa konsonanti wkoll mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali."[3]

Bir-rispett kollu dovut lejn il-Qorti Superjuri, din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. L-Artiklu 201 jirreferi għall-proċeduri ordinarji, li fihom il-liġi tagħti lill-konvenut l-alternattiva li jidher biss l-avukat tiegħu fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti. Għall-kuntrarju, fil-proċedura speċjali *de quo*, il-liġi ssemmi tassattivament li jrid jidher il-konvenut mingħajr ma tagħti l-alternattiva li jidher biss l-avukat tiegħu. Billi hija liġi speċjali, tidderoga mil-liġi ġenerali. Dan apparti li *ubi lex voluit, dixit*. Fil-proċedura normali, wieħed jifhem li jista' jidher l-avukat biss, billi l-konvenut normalment ikun diġa' ppreżenta r-risposta ġuramentata u ħalifha. Għall-kuntrarju, fil-proċedura speċjali, sommarja u spedituża, il-leġislatur

[2] L-enfażi huma tal-Qorti.
[3] **Frank Sammut vs. Michael Fenech** 25.03.1991 LXXV.ii.563 Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) (S.T.O Giuseppe Mifsud Bonnici, Onor. Joseph A Herrera, Onor. Carmel A. Agius).

iqisha ferm impellenti li jidher l-imħarrek personalment u mhux l-avukat tiegħu biss, għal raġunijiet ovvji. F'din l-interpretazzjoni, l-Qorti mhix qiegħdha tistrieħ fuq l-awtorita' tagħha stess. Għandha l-konfort li l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, f'sentenza iktar riċenti minn dik fuq ċitata, irriteniet li l-preżenza fiżika kienet appuntu waħda miż-żewġ żvantaġġi mposti fuq il-konvenut f'din il-proċedura speċjali. Hija qalet hekk:

> "Il-ligi tal-proċedura diga' hawn qegħda tpoġġi l-konvenut f'pożizzjoni ta' żvantagg billi fl-ewwel lok **tesiġi l-preżenza fiżika tiegħu** fil-jum tas-smiegħ u mbagħad li hu jkun pront mid-difiża tiegħu biex jikkonvinċi lill-Qorti li kellu eċċezzjonijiet validi x'jagħti fuq bażi *prima facie*. F'tali ċirkostanzi, il-Qorti trid toqgħod attenta li ma tmurx oltre u taggrava allura bla bżonn u ulterjorment lill-konvenut…"."[4]

Illi l-Qorti tikkondividi ma' dak deċiż fil-kawża **Ludovico Ausano Filotto kif debitament irrappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Antoine Cremona vs. Hi Sky Ltd** hawn fuq kwotata u tagħmlu tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 60 *et seq.*), Paul Degiorgio (direttur tas-soċjeta' attriċi) jixhed li s-soċjeta' attriċi Managing Consulting Service Industry (MCSI) Limited kienet tippresta servizzi ta' tindif a favur is-soċjeta' konvenuta Cavendish Hotels Ltd għal numru ta' snin u li l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi mis-soċjeta' konvenuta ta' dawn is-servizzi jammonta għas-somma ta' mija, wieħed u tletin elf, tliet mija, sebgħa u tmenin Euro u tliet ċenteżmi (€131,387.03) u li minkejja li kienu saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, l-

[4] **Valletta Aluminium and Wrought Iron vs. Carmen Grech** 08.05.2001 Qorti tal-Appell (S.T.O. Joseph Said Pullicino, Onor. Joseph A. Filletti, Onor Franco Despasquale). Din is-silta ġiet ikkwotata in re: **John Coleiro et vs. Louise Cutajar et** f'sentenza tal-27.02.2015 mill-istess Qorti tal-Appell (S.T.O. Silvio Camilleri, Onor. Tonio Mallia, Onor. Joseph Azzopardi).

ammont baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' konvenuta. Ir-rappreżentat tas-soċjeta' attriċi ddikjara li sa fejn taf is-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' konvenuta ma kellha l-ebda eċċezzjoni x'jagħti kontra t-talba tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mid-direttur tas-soċjeta' attriċi bil-ġurament tiegħu fl-affidavit minnu preżentat u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat l-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi, dwar l-imgħax mitlub mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li kull fattura hija l-prova tas-servizz ta' tindif individwali. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[5] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża f'proċediment sommarju speċjali u mingħajr ma jkun hemm is-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[5] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attrici billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Cavendish Hotels Ltd naqqset milli tħallas lura l-ammonti dovuti *ai termini* tar-rendikont datat 4 ta' Ottubru 2021 u l-fatturi preżentati;

(3) Tilqa' t-tielet talba tas-soċjeta' attriċi billi tordna lis-soċjeta' konvenuta Cavendish Hotels Ltd tħallas s-somma ta' mija, wieħed u tletin elf, tliet mija, sebgħa u tmenin Euro u tliet ċenteżmi (€131,387.03) lis-soċjeta' attriċi bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.

Finalment, tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Cavendish Hotels Ltd.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**